**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Frar 2020**

**Talba Nru: 387/19 CZ**

**Michael Buhagiar**

**vs.**

**Luke Pullicino**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur imressqa fis-17 ta' Dicembru 2019 fejn premetta:

1. Illi l-konvenut gie inkarigat mill-attur sabiex igorr il-vettura tal-istess attur tat-tip Fiat 130 saloon, bin-numru ta' registrazzjoni DAD 001, permezz tat-tow truck tal-istess konvenut.
2. Illi fil-process tal-imsemmi inkarigu, il-konvenut ikkawza hsara fis-sump tal-vettura, liema hsarat kienu jammontaw ghal tmin mija u erba' Euro (€804) u dan kif ser jirrizuta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi l-konvenut ammetta l-imsemmija hsara meta sahansitra hallas is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) akkont tat-total tal-hsara kkagunata minnu;

4. Illi l-bilanc rimanenti li l-attur hu dovut mill-konvenut huwa ta' hames mija erbgha u hamsin Euro (€554);
5. Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc dovut, huwa baqa' inadempjenti.
6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex, previa kull dikjarazzjoni ohra necessarja, joghgbu:

1. Jiddikjara li b'ngeligenza u traskuragni l-konvenut kkaguna hsarat fuq il-vettura tal-attur bin-numru ta' registrazzjoni DAD 001, u konsegwentement isib lill-konvenut unikament responsabbli ghal tali hsarat;
2. Sussegwentement, joghgbu jikkundanna u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur il-bilanc dovut ghal tali hsarat fl-ammont ta' hames mija u erbgha u hamsin Euro (€554).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-12 ta' Frar 2020.

Ra n-nota prezentata mill-attur fl-14 ta' Frar 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin Euro (€554) bl-imghaxijiet legali mil-lum sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur